# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024**

**Numru 12**

**Rikors Numru 814/22TA**

**Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob**

**vs**

**Smart Operations Limited [C-73372]**

**Wara l-ittra ġudizzjarja datata 8 t'Awwissu, 2022
u bl-istess ismijiet hawn fuq indikati**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Smart Operations Ltd (is-Soċjeta' rikorrenti) tad-9 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi s-Socjeta' Esponenti giet innotifikata permezz t'ittra ufficcjali a tenur tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijjiet ta' Malta, liema ittra ufficcjali qedha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'A' minn fejn jirrizulta b'mod car il-pretensjoni tal-Awtortia' Intimata;
>
> Illi s-Socjeta' Esponenti qeghda tirreferi ghall-fatt li tali ittra ufficcjali tirreferi ghall-perjodu fejn Malta bhall-kumplament tad-dinja giet milquta minn pandemija kiefra u per konsegwenza certament li s-Socjeta' rikorrenti ma fethitx il-hwienet taghha, kemm b'rispett ghall-pubbilku in generali fi zmien tant diffccjli u kemm minhabba ghal perjodi minhabba Avviz Legali li gie ippubblikat li jipprojbixxi dan u cioe l-Avviz Legali 76 tas-sena 2020;

Illi s-Socjeta' Esponenti tirrileva li hija m'ghandhiex thallas sena licenzja u 'compliance contribution fee' fejn prattikament kienet sena li matulha ma setghetx topera tant li kellha taghlaq il-hwienet taghha u ma tkomplix f'dik il-linja tan-negozju bil-hwienet tal-loghob hekk kif ser tipprova l-Kumpanija Rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-proceduri odjerni;

Illi l-Kumpanija Rikorrenti tirrileva li hija insistiet dwar dan m'hux issa ghaliex giet rinfaccjata b'din l-ittra gudizzjarja, izda mill-ewwel hekk kif tindika l-ittra li bghatet l-istess Kumpanija hawn annessa u mmarkata Dok. 'B';

Illi huwa minnu li tali licenzja tithallas bil-quddiem u m'hemmx rifuzjoni taghha, pero' kull entita' Regolatorja, bhal m'hija l-Awtorita' Intimata, ghandha tiehu decizjonijiet amministrattivi li jirrispettaw il-principju amminitrattiv tar-ragjonevolezza;

Illi ghalhekk is-Socjeta' Esponenti ressqet il-presenti Rikors skont il-ligi sabiex din il-Qorti tuza s-setghat moghtija bil-ligiu u tirrevedi tali decizjoni mehuda mill-Awtorita' Regolatorja u tiddeciedi li minhabba cirkostanzi verament straordinarji s-Socjeta' Esponenti ghandha thallas biss il-'compliance fee' u m'hux il-licenzja li hija ma sethgetx tuza ghal kwazi s-sena kollha minhabba cirkostanzi straordinarji ta' emergenza ben maghrufa u anke imposti mil-ligi stess

Fil-kuntest jidhol l-element ta' dak li huwa "ragonevoli" ('reasonableness') u proporzjonat u li ghandu jkun segwit minn awtorita' pubblika bhall-Awtorita' Intimata meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha.

H.W.R Wade (Administrative Law") jikkumenta hekk –

"*A person in whom is vested a discretion must exercise hi discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

Ikompli hekk –

"*The doctrine that powers must be exercised reasonably has to be reconciled with the no less important doctrine that the court must not usurp the discretion of the public authority which Parliament appointed to take the decision. Within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires. The court must therefore resist the temptation to draw the bounds too tightly, merely according to its own opinion. It must strive to apply an objective standard which leaves to the deciding authority the full range of choices which the legislature is presumed to have intended. Decisions which are extravagant or capricious cannot be legitimate. But if the decision is within the confines of reasonableness, it is no part of the court's function to look further into its merits.*

*With the question whether a particular policy is wise or foolish the court is not concerned ; it can only interfere if to pursue it is beyond the powers of the authority. As Lord Halisham L.C. has said [in re W (An Infant) – 1971 –A.C. 682 at 700] two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable. This is not therefore the standard of "the man on the Clapham omnibus'. It is the standard indicated by a true construction of the Act which distinguishes between what the statutory authority may or may not be authorised to do. It distinguishes between proper use and improper abuse of power. It is often expressed by saying that the decision is unlawful if it is one to which no reasonable authority could have come.*

Lord Greene MR fil-kawza "Associated Provincial Picture Houses Ltd. V. Wednesbury Corporation" [1948] 1 KB 223 ighid hekk –

"It is true that the discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology commonly used in relation to the exercise of statutory discretion often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider.

Minn hawn johrog car illi l-Awtorita' Intimata certament m'applikatx id-diskrezzjoni taghha fil-parametri tar-ragjonevolezza u ghall-konsiderazzjonijiet li huma rilevanti ghall-kaz li kellha quddiema. Dan il-principju mid-dritt amministrattiv Britanniku illum gie zviluppat fil-gurisprudenza nostrana fil-principju tal-proporzjonalita' li huwa assodat fis-sistemi ta' dritt amministrattiv kontinentali u fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja. Dan il-principju jiddetta, *inter alia,* illi l-azzjonijiet ta' awtorita pubblika ghandhom ikunu addattati (*suitable*) ghas-sitwazzjonijiet li jittrattaw u ghandhom ikunu tali li ma jikkagunawx dannu bla bzonn lill-individwu jew lis- suggett iehor tad-dritt.

Ghaldaqstant is-Socjeta' Esponenti umilment titlob li, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba kontenut fl-Ittra Gudizzjarja datata 8/VIII/2022 bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti."

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta Dwar il-Logħob (l-Awtorita' intimata) tal-20 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. “Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna qatt ma tista’ tirnexxi stante li l-argumenti mressqa mis-socjeta’ rikorrenti in kwantu r-ragjonevolezza u l-proporzjonalita’ ta’ decizjoniijiet amministrattivi jipresupponu xi forma ta’ eghmil amministrattiv. Min-naha l-ohra, il-procedura odjerna *si tratta* purament ta’ kreditu rapprazentanti l-hlas ta’ licenzja (liema hlas huwa naxxenti mil-ligi stess u dovut b’mod awtomatiku bil-quddiem ma’ kull anniversarju tal-licenzja sakemm l-istess licenzja tkun *in vigore*, bhalma kienet fil-kaz in dizamina, u dana a tenur tal-Artikolu 3 (1) (b) tar-Regolamenti dwar Mizati ghal Licenzi tal-Loghob Legislazzjoni Sussidjarja Numru 583.3) kif ukoll ghal *contribution compliance fees* a tenur tal- Artikolu 3 (1) (a). Dan il-kreditu certament ma jistax jitqies bhala xi forma ta’ eghmil amministrattiv hekk kif definit fil-ligi taghna, u, ghalhekk, dawn l-argumenti huma totalment inapplikabbli u irrelevanti ghall-vertenza in dizamina;

2. Illi wkoll preliminarjament, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li l-vertenza in dizamina hija naxxenti minn xi forma ta’ eghmil amministrattiv li huwa sindikabbli minn dina l-Onorabbli Qorti jew kwalsiasi *forum* iehor permezz ta’ stharrig gudizzjarju jew revizjoni amministrattiva, dan l-eghmil amministrattiv semmai kellu jigi attakat jew ikkontestat fil-hin opportun quddiem il-*forum* appozitu. L-Artikolu 43 tal-Att dwar il-Loghob (Kapitolu 583 tal-Ligijiet ta’ Malta) jipprovdi rimedju ghal minn ihossu aggravat minn decizjoni tal-Awtorita’ esponenti fil-forma ta’ appell quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva, izda s-socjeta’ rikorrenti qatt ma pprevaliet ruhha minn din il-fakulta’, anke meta, kif ser jigi spjegat ahjar fi stadju ulterjuri ta’ din ir-risposta, l-Awtorita’ esponenti kkancellat il-licenzja tas-socjeta’ rikorrenti propju abbazi n-nuqqas ta’ hlas tal-kreditu mertu tal-procedura odjerna. Isegwi ghalhekk illi kull azzjoni li s-socjeta’ rikorrenti setghet kellha fir-rigward tar-revizjoni amministrattiva tal-kreditu *de quo*, dejjem *dato ma non concesso* li azzjoni ta’ din in-natura b’xi mod kienet possibbli, hija llum preskritta;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni ta’ din il-procedura, l-argumenti mressqa mis-socjeta’ esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Bhala sfond, il-fatti u l-punti legali relevanti ghal din il-procedura huma sintetikament is-segwenti:

    i. L-Awtorita’ esponenti hija l-awtorita’ pubblika fdata sabiex tirregola s-settur tal-loghob fit-territorju ta’ Malta, u dana a tenur tal-Artikolu 5 *et seq.* tal-Att Dwar il-Loghob. Bhala parti mill-funzjonijiet taghha, l-Awtorita’ tohrog u tissorvelja l-licenzji relevanti sabiex operaturi jkunu jistghu joperaw f’dan il-qasam;

       Wara li l-Awtorita’ esponenti tohrog licenzja, id-detenturi kollha ta’ tali licenzji huma skont il-ligi (senjatament a tenur tal-Artikolu 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 583.3) obbligati ihallsu

lill-istess Awtorita' esponenti mizati relatati mal-istess licenzji li, *inter alia*, jikkonsistu fis-segwenti:

*a) f 'kontribuzzjoni ta' konformità, li titħallas għal kull wieħed mill-perjodi tal-liċenza* (il-*compliance contribution fees*)*; u*

*(b) f'miżata għal-liċenza annwali fissa,* ***li ma tingħatax lura****, li titħallas* ***bil-quddiem*** *għat-tnax-il xahar sussegwenti wara l-ħruġ tal-liċenza u* ***ma' kull anniversarju tagħha****, matul iż-żmien li l-liċenza tibqa' fis-seħħ* [enfazi mizjuda]

ii. Illi in kwantu l-*contribution compliance fees*, dawn jikkonsistu f'mizati li huma pagabbli fl-ghoxrin (20) jum ta' kull xahar ghax-xahar precedenti;

iii. Illi in kwantu l-mizata ghal-licenzja annwali fissa, l-Artikolu 3(1)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 583.3 hija tassattiva u ma thalli ebda ekwivoku fis-sens illi tali mizata hija pagabbli **bil-quddiem**, hija dovuta **ma' kull anniversarju tal-hrug tal-licenzja**, u ma **ma' tistax tinghata lura** (bl-Ingliz *non-refundable*), kif del resto gie rikonoxxut mis-socjeta' rikorrenti stess fir-rikors promotur taghha;

iv. Illi s-socjeta' rikorrenti kienet id-detentrici tal-licenzja numru MGA/B2C/233/2016 mahruga mill-Awtorita' esponenti, liema licenzja nharget fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016). L-istess socjeta' rikorrenti kienet topera hwienet ta' *betting* (*controlled gaming premises*), u kienet licenzjata sabiex tbiegh *casino games* u *sports betting*. Ghall-ewwel ftit snin wara li nharget tali licenzja, is-socjeta' rikorrenti dejjem halset il-mizati suriferiti kif tirrikjedi l-ligi;

v. Illi fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), *ossia* l-anniversarju tal-licenzja taghha, is-socjeta' rikorrenti kienet obbligata thallas il-mizata in konnessjoni mal-licenzja taghha ghas-sena elfejn u ghoxrin (2020) a tenur tal-Artikolu 3(1)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 583.3, ammontanti ghal hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) skont il-ligi (kopja tal-*invoice* relattiva hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. MGA1**), kif fil-fatt gie rikonoxxut mis-socjeta' rikorrenti stess permezz ta' *email* datata s-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. MGA2**. Nonostante dan, is-socjeta' rikorrenti naqset milli teffetwa l-pagament relattiv;

vi. Illi oltre minn hekk, is-socjeta' rikorrenti naqset ukoll milli thallas *compliance contribuation fees* dovuti fuq l-istess licenzja ghax-xhur ta' Frar u Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020)

kumplessivament ammontanti ghal tlett elef u ghaxar Ewro u disgha u tletin centezmu (€3,010.39). Ta' min jinnota wkoll li ghax-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), il-*compliance contribution fees* kienu limitati ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) u s-sbatax (17) tal-istess xahar, ghaliex is-socjeta' rikorrenti unilaterlament issospendiet il-licenzja taghha b'mod temporanju sabiex tkun tista' tirregola ruhha u tkun f'pozizzjoni biex thallas il-mizati *de quo*. Tali licenzja baqghet sospiza temporanjament sas-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020);

vii. Illi fil-frattemp, l-Awtorita' esponenti baghtet diversi *emails* fejn fakkret lis-socjeta' rikorrenti li l-ammonti suriferiti ghadhom ma thallsux u kienu ghadhom dovuti, fatt li kien rikonoxxut u ma giex ikkonstestat mis-socjeta' rikorrenti, izda dawn l-ammonti baqghu ma thallsux (*vide* l-korrispondenza hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. MGA3**);

viii. Illi waqt laqgha li nzammet nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), il-*Compliance and Enforcement Committee* fi hdan l-Awtorita' esponenti iddecieda li l-licenzja tas-socjeta' rikorrenti bin-numru MGA/B2C/233/2016 kellha tigi kancellata abbazi ta' diversi vjolazzjonijiet kommessi mis-socjeta' rikorrenti, senjatament talli naqset milli thallas il-mizati suriferiti, u dana skont il-minuti hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. MGA4**;

ix. Illi sussegwentement, u fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) il-*Legal and Enforcement Unit* tal-Awtorita' esponenti hareg *Notice of Cancellation* fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. MGA5**), fejn infurmaha li l-licenzja taghha kienet ser tigi kancellata ai termini tal-Artikoli 9(c), 9(d), 9(l) u 10(1)(a) tar-Regolamenti dwar il-Konformita' u l-Infurzar fil-Loghob (Legislazzjoni Sussidjarja Numru 583.6), propju abbazi l-fatt li l-mizati *de quo* kienu ghadhom ma thallsux, sakemm is-socjeta' rikorrenti ma turix lill-istess Awtorita' li jezistu ragunijiet validi ghalfejn din il-kancellazzjoni m'ghandhiex issir;

x. Illi s-socjeta' rikorrenti nghatat ghoxrin (20) jum sabiex tirrispondi ghan-*Notice of Cancellation* suriferit, hekk kif kien indikat fl-istess *Notice of Cancellation*, izda naqset milli taghmel dan;

xi. Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, u *una volta* li s-socjeta' rikorrenti ma rrispondietx ghan-*Notice of Cancellation* fit-terminu prefiss lilha, l-Awtorita' esponenti pprocediet billi tikkancella l-licenzja tal-istess socjeta' rikorrenti permezz tal-*Cancellation of Authorisation* datata t-tletin (30) ta' April tal-elfejn wiehed u

ghoxrin (2021), kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. MG6**;

xii. Illi f'din l-istess *Cancellation of Authorisation*, l-Awtorita' esponenti anke infurmat lis-socjeta' rikorrenti illi jekk hasset ruhha aggravata b'din il-mizura, hi setghet tikkontestaha billi tinterponi appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva a tenur tal-Artikolu 43 tal-Att dwar il-Loghob. Nonostante dan, is-socjeta' rikorrenti ghal darb'ohra naqset milli taghmel dan;

xiii. Illi fit-tmienja (8) ta' Awwissu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), l-Awtorita' esponenti intavolat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, fejn interpellat lis-socjeta' rikorrenti sabiex thallas l-ammonti suriferiti dovuti minnha;

xiv. Illi fid-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), is-socjeta' rikorrenti laqghet ghall-ittra ufficjali suriferita billi pprezentat rikors ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li ta lok ghall-procedura odjerna;

4. Illi l-Awtorita' esponenti tirrileva li l-argumentazzjoni mressqa mis-socjeta' rikorrenti fejn qed tuza l-pandemija bhala r-raguni ghalfejn ma m'ghandhiex thallas il-mizata relatata mal-licenzja taghha ghas-sena elfejn u ghoxrin (2020) hija totalment infondata stante illi, kif johrog b'mod carissimu minn qari tal-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 583.3, din il-mizata kienet pagabbli **mill-anniversarju tal-hrug** tal-licenzja tas-socjeta' rikorrenti (cioe mis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), **bil-quddiem** ghat-tnax-il xahar sussegwenti, u b'mod ***non-refundable***, diversi xhur qabel ma bdiet il-pandemija u ferm qabel ma hasset il-konsegwenzi tal-istess pandemija;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, lanqas ma jregi l-argument li l-ammonti mghandhomx jithallsu ghalhiex li s-socjeta' rikorrenti kienet kostretta li taghlaq il-hwienet taghha ghal sena "*fejn prattikament kienet sena li matulha ma setghetx topera*" stante illi, waqt li huwa minnu li *gaming parlours* kellhom jinghalqu fis-sbatax (17) ta' Marzu tal-elfejn u ghoxrin (2020) a tenur tal-Avviz Legali 76 tal-2020, dawn setghu jerghu jifthu xahrejn wara fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tal-istess sena a tenur tal-Avviz Legali 204 tal-2020. *Inoltre*, waqt li huwa wkoll minnu li l-licenzja tas-socjeta' rikorrenti kienet sospiza volontarjament bejn is-sbatax (17) ta' Marzu u s-sittax ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), sospensjoni li kienet unilaterali u cioe minghajr intervent jew decizjoni *da parte* tal-Awtorita', l-istess Awtorita' qatt ma rrinunzjat jew tat riduzzjoni lis-socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-mizati dovuti, xi haga li del resto tmur kontra n-natura ta' *non-refundable fixed annual licence fee*. *Di piu*, u kif johrog bic-car

mill-korrispondenza annessa ma din ir-risposta, il-fatt li dawn il-mizati kienu dovuti kien rikonoxxut u qatt ma gie kkonstestat mis-socjeta' rikorrenti;

6. Illi in kwantu l-*compliance contribution fees*, l-argumenti relatati mal-pandemija huma kompletament irrelevanti stante li huma dovuti ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Frar u s-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), cioe qabel ma bdew jinhassu l-effetti tal-pandemija;

7. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fir-rigward tal-argumenti fejn is-socjeta' rikorrenti qed issostni li l-Awtorita' esponenti m'aggixxietx b'mod ragjonevoli, l-Awtorita' esponenti tissottometti li ma tistax tifhem kif l-agir taghha jista' jitqies bhala mhux ragjonevoli meta halliet lis-socjeta' rikorrenti topera u zzomm il-licenzja taghha ghal diversi xhur meta ma hallsitx il-mizati dovuti in konessjoni mal-istess licenzja. *Di fatti*, din il-lanjanza qed tigi mqajma biss issa u qatt ma tqajmet fi stadju precedenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali 3368/2022, kontra s-socjeta' rikorrenti, minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Is-Soċjeta' rikorrenti kellha liċenzja biex topera attivitajiet ta' logħob ta' azzard permezz ta' ħanut li kellha l-Fgura. Din qegħda tinsisti li minħabba l-pandemija tal-Covid ma setgħetx topera dan in-negozju b'effett minn Marzu tal-2020 u għalhekk ma kienitx f'posizzjoni li tħallas l-

ammont li kienet qegħdha titlob mingħandu bħala miżati u ħlasijiet oħrajn konsistenti f'€25,000 ħlas ta' liċenzja u €3,010.39 compliance contribution.

**2.** L-Awtorita' intimata Interpellat lis-Soċjeta' rikorrenti permezz ta' ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu 2021 biex tħallas l-ammont inkwistjoni. Din l-ittra saret ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv. Konsegwentement is-Soċjeta' rikorrenti kienet kostretta li tipproċedi bl-istanti proċedura.

**Punti ta' Liġi**

**3.** Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi wieħed minn dawk il-privileġġi li jġawdi l-Gvern fil-ġbir ta' flejjes u krediti fiskali li jistgħu ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta. B'dan l-artikolu huwa maħsub li jkunu evitati proċeduri quddiem Qorti fid-dawl li l-ġbir fiskali huwa wieħed essenzjali għas-Soċjeta' in ġenerali għaliex huwa b'dawn li l-Gvern jissovenzjoni l-bżonnijiet tas-Soċjeta'. B'dan ma jfissirx li l-Gvern jista' jgħaddi bħal romblu minn fuq l-individwu tant li dan l-istess artikolu jipprovdi mezz kif talbiet taħt dan l-artikolu jistgħu ikunu kontestati kif fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**4.** Għalhekk dan l-artikolu jipprovdi li meta issir dikjarazzjoni mill-kap ta' Dipartiment kif jingħad f'dan l-artikolu "*id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-*

*qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*"

**5.** Issa l-kelma infondata ġiet spjegata minn dawn il-Qrati li "*Huwa minnu li ai termini ta' l-artikolu 466(2) l-appellat ghandu dritt li jikkontesta izda, dan ma jfissirx li ghandu dritt jikkontesta kif irid u fuq kull materja taht il-kappa tax-xemx*" (Ara **Appell Inferjuri tas-16 ta' Diċembru, 2013 fl-ismijiet Paul Bugeja vs Kummissarju ta' l-Artijiet**).

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-fatti li għandha quddiemha. Dak li qed tgħid is-Soċjeta' rikorrenti huwa, li hi ma għamlitx ħlas ta' dak li skont il-liġi kien dovut minnha lill-Awtorita' intimata b'kawża li l-epidemija tal-Covid għamlitilha impossibbli li tagħmel dan il-ħlas.

**7.** Pero' qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tqies il-mertu, huwa importanti li l-ewwel u qabel kollox tiġi determinata t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' intimata li hija fis-sens li s-Soċjeta' rikorrenti kellha l-ewwel tieħu vantaġġ minn dak li jipprovdi l-artikolu 43 tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*"Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni tal-Awtorità tista', fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jiġi notifikat lilha l-avviż tal-Awtorità, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".* (Emfażi tal-Qorti)

**8.** Il-Qorti taqbel ma' din l-eċċezzjoni fis-sens, li s-Soċjeta' rikorrenti ma tistax f'dawn il-proċeduri tqanqal kwistjonijiet li setgħet tqanqal quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amminstrattiva kieku pprevaliet ruħha mill-Appell inkwistjoni. Dak li għandha quddiemha din il-Qorti huma fil-fatt kwistjonijiet ta' din ix-xorta. Huwa għalhekk li s-Sentenza fuq indikata tgħallem li bil-proċedura odjerna ma tistax titqanqal kull kwistjoni immaġinabbli taħt il-kappa tax-xemx. Li kieku dak li seta' jqanqal quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jista' jitqanqal fil-proċeduri odjerni allura l-artikolu 43 tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta jinġieb fix-xejn u l-esistenza tiegħu f'dik il-liġi hija biss waħda kosmetika biex iżżejjen il-proċedura.

**9.** Di fatti Artikolu 52 tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi fost oħrajn li "*Meta avviż, ikun kif ikun deskritt, hu meħtieġ li jingħata mill-Awtorità lil xi persuna kemm jekk taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra amministrata mill-Awtorità, l-avviż għandu jiġi indirizzat lil dik il-persuna b'wieħed mill-modi li ġejjin:*

*d) fil-każ ta' korp magħqud jew xi korp ieħor ta' persuni, billi jintbagħat lil uffiċjal jew impjegat ta' dak il-korp fl-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew billi jintbagħat bil-posta reġistrata indirizzata lill-imsemmi korp f'dak l-uffiċċju;*"

**10.** Issa fil-verita f'dawn il-proċeduri ġew esebiti żewġ avviżi, dak tat-30 ta' April 2003 li jirreferi biss għall-kanċellament tal-liċenzja u mhux għall-ħlas mertu ta' dawn il-proċeduri u ieħor tal-25 ta' Marzu 2021 li fih ma hemm ebda indikazzjoni ta' xi indirizz. Apparti dan, l-imsemmi artikolu

jesiġi ukoll li dan l-avviz "*jintbagħat bil-posta reġistrata indirizzata lil dik il-persuna fl-indirizz fil-post fejn toqgħod jew fl-indirizz għal notifika kif imsemmi qabel*" (Emfażi tal-Qorti).

**11.** Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-kelma tal-Awtorita' li dawn ġew effettivament notifikati kif trid il-liġi, partikularment l-aħħar. Ma għandha xejn quddiemha li jindika li dan l-avviż ġie notifikat bil-modalita' stabbilita mil-liġi. Din il-prova tistrieħ unikament fuq l-Awtorita' u mhux fuq l-individwu. L-uniku avviż li esebixxa r-rikorrent huwa dak tat-30 ta' April 2021, li kif diġa' rilevat jirreferi biss għall-kanċellament tal-licenzja u mhux għall-ħlas mertu tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu 2022 (a' fol 5 u 9). Il-prova li l-avviż l-ieħor tassew wasallu ma tesistix fl-atti. Di piu' il-Qorti ukoll tinnota li għalkemm mhux obbligu fil-liġi, fil-waqt li fl-ewwel avviż is-Soċjeta' rikorrenti ġiet infurmata bid-dritt tagħha ta' appell ai termini tal-artikolu 43, dan l-avviż ma ingħatax fl-avviż l-ieħor.

**12.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-proċedura taħt artikolu 43 u 51 hija waħda speċjali, naxxenti minn liġi speċjali. Għalhekk "*trattandosi ta' proċeduri speċjali hija l-fehma tal-Qorti li jew għandhom jiġu osservati strettament u ad unguem l-artikoli relattivi tal-proċedura surreferita jew inkella, f'kaz ta' nuqqas jew varjazzjoni minnha, għandhom allura japplikaw dawk ir-regoli normali li solitament jiġu mħaddma f'każ li kawża tkun ser tiġi kkuntestata*". (Ara **Sentenza fl-ismijiet Charles Bonnici nomine -vs- Anna Farrugia", Appell, 2 ta' Frar, 1999**). Intqal ukoll li "*Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "si debbono osservare alla lettera*

*e non per equipollens"* (**Vol XVIII pI p879**). Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi "*ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"* (**Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421**).

**13.** Għalhekk, il-Qorti tikkonkludi li l-avviżi in kwistjoni, partikolarment dak tal-25 ta' Marzu 2021, huma għal kollox irritwali u kwindi qatt ma seta' jibda jiddekorri t-terminu għad-dritt ta' appell taħt artikolu 43 tal-Kap. 583 tal-liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' it-talba fir-rikors** u tiddikjara li l-ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu 2022 bħala irritwali minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija, mingħajr ebda preġudizzju għad-dritt tal-Awtorita' intimata li toħroġ avviż ieħor regolari ai termini ta' dak li jipprovdi l-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta referibbilment għall-ħlasijiet imsemmija f'dan ir-rikors.

Spejjes jibqgħu mingħajr taxxa.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**